MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007

Numru 111/2003

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Roderick Gerada ta’ 24 sena iben Alfred u Rita nee Scieda,imwieled il-Pieta’, fis-7 ta’ Jannar 1979 u joqgħod ‘Eudor’ Triq is-Serkin, Marsa u li huwa detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0033779 (M)

Akkużat talli fis-16 ta’ Marzu 2002 ghall-habta tat-3.45pm fl-MCP Car Park Floriana kkommetta serq ta’ vettura CAD 146 ta’ ghamla Bedford, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-LM1000 u bix-xorta tal-haga misruqa u li dan sar meta l-vettura imsemmija kienet taht il-kustodja tal-Gvern ta’ Malta, bi ksur ta’ Artikolu 261, 267 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess perjodu f’Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif wkoll barra

minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

U aktar talli rrenda ruhu ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datatai 14 ta' Frar 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 337 tas-sena 1979; il-verbal a fol 4 li bih id-difiża ddikjarat li kienet qed teżenta lill-prosekuzzjoni milli tipproduċi prova dwar l-awtentiċita ta' l-istqarrija; il-verbal a fol 4 fejn id-difiża u l-prosekuzzjoni qablu li t-trakk in kwistjoni jiġifieri dak bin-numru CAD 146 huwa propjeta' ta' l-imputat; il-fedina penali ta' l-imputat li tinsab a fol 5 u 6; l-istqarrija ta' l-imputat a fol 7 u 8; l-istqarrija ta' l-imputat li fiha qal li ma oġġezzjonax illi dawn il-proċeduri jkunu sommarji; il-kopja tas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' l-imputat a fol 10 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Denise Mula) vs Roderick Gerada'; il-kopja ta' l-oriġinal mill-ktieb CT number 008207 a fol 12 fejn huwa highlighted bl-isem ta' l-imputat u l-karozza u hawn it-timbru Ħamrun 5 March 2003; il-verbal magħmul fit-28 ta' Ġunju 2007 fejn fih il-partijiet qablu li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu x-xhieda li kienu nstemgħu quddiem il-Qorti diversament preseduta; il-kopja tas-sentenza 'Il-Pulizija vs Anthony Borg Inguanez' mogħtija fis-26 ta' Awissu 1998 mill-Prim Imħallef Vincent DeGeatano u li kienet ppreżentata mid-difiża; il-kopja tal-leġislazzjoni li jġib in-numru LS6513 kif inhi llum ppreżentata wkoll mid-difiża u l-verbal li fih din il-kawża kienet imħollija għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Il-fatti fil-qosor kienu illi fis-16 ta' Marzu 2002 l-pulizija kellha rapport li kien hemm trakk CAD 146 li kien ġie ttowjat mill-pulizija u li kien fil-garaxx ta' l-MCP Car Park

Floriana. L-imputat kien ħadu mill-garaxx tal-car park il-Floriana. L-għada l-pulizija kellmu lil sid dan it-trakk u hu kien qalilhom li kien mar u ħa u tant hu hekk li ħallas il-LM45. Il-pulizija peress li ħa t-trakk meta kien taħt il-kustodja tagħha ħarġitlu c-charges. Ma kienx hemm dubju li t-trakk huwa ta' l-imputat. Effettivament il-ħlas kien sar wkoll. U l-imputat kien qal lill-ispettur li kien startjah bl-intenzjoni dejjem li jmur iħallas il-fine.

Xehed wkoll PS1283 Carmelo Costa. Dan qal li kellu talba minn ċertu Grech għax ma setgħax jidħol fil-garaxx tiegħu. Xi ħin wara t-trakk kien towed lejn il-car park tal-Floriana iżda kien hemm rapport li xi ħadd ra dan it-trakk joħroġ minn dan il-car park min-naħa magħrufa bħala l-mina li tiġi ħdejn l-isptar Boffa. Fil-kontro eżami s-surġent qal li hu qatt ma kien kellem lil Roderick Gerada.

Xehed wkoll PC 341 Marius Scerri li rrepeta dak li qal is-surġent 1283 Carmelo Costa u li t-towing kien sar mill-privat. Imbgħad is-Sur Vella ta' l-MC Car Park qallu li l-vettura CAD 146 kienet ttieħdet mill-compound tad-depot tagħhom. Huwa qal illi l-imputat l-għada kien ġie jħallas LM45 dovuta minħabba t-towing. Fil-kontro eżami dan ix-xhud kkonferma li meta Roderick Gerada mar biex iħallas fis-16 ta' Marzu stess, huwa kien qal lil Roderick Gerada sabiex jerġa jmur għax ried ikellmu l-ispettur. L-imputat l-ewwel kien ħa l-vettura u imbgħad mar biex iħallas.

Xehed ukoll PC 48 Desmond Desira li kien ppreżenta kopja tat-towing u d-dettalji l-oħra kollha.

Xehed John Vella li qal li jaħdem bit-tow truck li kien ġibed it-trakk u fil-pront kien ġie sidu. Sid it-trakk qallu li kien ser jieħdu. Normalment huwa meta jdaħħal il-karozza fil-garaxx jagħti karta fuq fil-car park u imbgħad jieħdu ħsiebha huma. Il-karta kien għadu ma ħadielhomx (fol 21). L-imputat kien qallu li kien għadu ma ħallasx iżda qallu li kien ser imu iħallasha (fol 22).

Xehed ukoll il-car park attendant illi qal li s-soltu meta karozza tkun miġbuda jtellgħu karta tal-vettura li tkun daħlet. Din il-karta ma kienx raha hu. Meta jiġi sid il-

vettura bir-riċevuta, huwa jeħdolu l-particulars u kollox jinżel għall-karozza. Kien jagħtih wkoll il-biljett biex joħroġ. Mingħajr biljett ħadd ma jista' joħroġ, fol 24.

Xehdet wkoll l-ispettur Denise Mula illi ppreżentat sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

L-Avukat Ġenerali fil-11 ta' Awissu 2003 bagħat l-Artikoli a fol 40. Dawn huma

(a) Artikoli 261(c)(g), 267, 271, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali
(b) L-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali
(c) L-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Mill-istqarrija ta' l-imputat jidher li meta ma sabx it-trakk huwa mar il-Floriana u rah barra fil-bitħa tal-car park isfel u startjah, mar ipoġġieh wara l-bieb tad-dar tiegħu, ġab il-flus u mar l-għassa tal-Ħamrun biex jħallas tat-towing. Huwa kien mar l-għassa għall-ħabta tal-5.30pm meta l-inċident jidher li ġara madwar 3.45pm. Huwa qal illi PS1283 u PC 341 kienu qalulu li ma setgħux jagħtuh riċevuta qabel jkellem lill-ispettur. L-imputat qal jiena għalija ma sraqtux it-trakk għax dak huwa ħwejġi u t-trakk ma kienx magħluq fil-garaxx tal-pulizija. Il-bieb tal-mina kien miftuħ, tant li qabad u saq 'l barra. Ir-raġel li kien hemm fil-garaxx fl-ebda ħin ma qallu biex ma jieħux it-trakk tiegħu (fol 7). A fol 8 huwa qal :

Irrid ngħid li jiena ma kelli ebda intenzjoni li nisraq it-trakk tiegħi jew li ma nħallasx il-multa u fil-fatt jiena mort l-għassa minn jeddi biex inħallasha u imxejt fuq l-istruzzjonijiet ta' l-istess pulizija. Irrid ngħid wkoll li t-trakk tiegħi kien seta' jidħol fil-parti tal-garaxx maqtugħ apposta għal vetturi li jiġu towed. Irrid ngħid li f'dan il-garaxx ma hemm sigurta' ta xejn għaliex seta' daħal ħaddieħor u ħadli t-trakk.

**Id-difiża**

Id-difiża tellgħet lill-ispettur Carlo Ellul u staqsietu jekk il-vettura kinitx kklampjata jew ttowjata biss. L-ispettur wieġeb illi kienet ttowjata u ma kinitx ikklampjata.

Eventwalment tela' l-imputat nnifsu u ta storja fil-qasir ta' x'gara li mhux bogħod minn dak li hemm fl-istqarrija stess.

Fit-trattazzjoni il-pulizija baqgħet tinsisti illi dan kien att ta' serq għaliex ġaladarba it-trakk kien f'idejn il-pulizija, allura ma setgħax jittieħed. Kienet għal din ir-raġuni li l-pulizija kienet tat dawn l-imputazzjonijiet.

Id-difiża ma qablitx u insistiet illi la darba t-trakk ma kienx kkalmpjat imma kien ttowjat biss, hi kellha bħala konsolazzjoni d-deċizjoni mill-Onor Imħallef Vincent De Geatano fis-26 ta' Awissu 1998 fejn kien għamel propju din id-differenza bejn meta trakk jkun ttowjat u meta trakk ikun ikklampjat.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

L-ewwelnett f'dan il-każ, hemm qbil dwar il-fatti bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża. Fost il-punti li hemm qbil fuqhom hemm il-kwistjoni li t-trakk ta' l-imputat ma kienx ikklampjat iżda biss miġbud (ittowjat).

Id-difiża kienet qed tagħmel enfasi fuq dan il-punt minħabba s-sentenza li għaliha għamlet et referenza 'Il-Pulizija versus Anthony Borg Inguanez' tas-26 t'Awissu 1998[1]. Dinn is-sentenza kienet :

a) segwiet sentenza tat-23 ta' Frar 1945 fl-ismijiet 'R versus Joseph Degiorgio' [2] li kienet stabbiliet:

'li res propria tista' xi mindaqqiet, għal ċerti rapporti ġuridiċi tiġi ikkunsidrata bħala ħaġa ta' ħadd ieħor meta l-proprjetarju, b'effett ta' ċerti rapporti ġuridiċi, ma jkollux id-dispożizzjoni libera tal-ħaġa, **hekk kif inhu appuntu l-każ**

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali 26 t'Awwissu 1998
[2] Volume XXXII.IV.596

**meta l-ħaġa tkun qegħda b'rahan jew altrimenti sotratta mil-libera disponibilita' tal-propjetarju.'**

b) qieset li ċerti awturi Taljani ma jaqblux ma' din it-reżi iżda ġaladarba 'fil-liġi tagħna ma ebda dispożizzjonijiet simili (għal dawk fil-Kodiċi Taljan), il-Qorti ma rat ebda raġuni għala kellha tbiddel l-insenjament tas-sentenza antika ċitata.

ċ) sabet differenza fir-regolamenti ta' l-1997 [3] fejn dawn kienu jipprovdu li meta karozza kieent tkun ikkampljata ma tistax tittieħed lura minn sidha qabel ma jitħallas id-dritt (Regolament 5) Jekk sid jaqbad u jeħodha jkun qed jikkommetti serq. Min-naħa l-oħra (ara paragrafu ta' qabel l-aħħar) m'hemmx l-istess dispożizzjoni li l-vettura ma tistax tittieħed qabel ma jitħallas id-dritt ta' l-irmonk u l-ħażna.

Issa din is-sentenza ngħatat fis-26 t'Awissu 1998.

Permezz ta' l-Avviż Legali 192 ta' l-1999, kien emendat l-Avviż Legali 94 ta' l-1997.

Permezz ta' dan l-Avviż Legali r-regolament 3 li jipprovdi dwar it-towing kien emendat u daħal il-proviso li ġej:

**'Provided that any encumbering object which has been so removed or stored is still in the process of being disposed of, shall not be returned to its owner before a fee levied by the Commissioner or the Council in terms of these regulations, has been paid.'**

Dan il-kliem huwa prattikament l-istess li l-Leġislatur uża fir-regolament numru 5 dwar it-tneħħija ta' klampi.

**Il-fatti ta' dan il-każ seħħew wara l-emenda.**

Il-fatti ta' dan il-proċess seħħew fis-**16 ta' Marzu 2002** u għalhekk il-proviso għar-regolament numru 3 li huwa

[3] Avviż Legali 94/1997

**identiku** mal-kliem tar-regolament 5 kien **diġa'** daħal fis-seħħ meta l-imputat wettaq l-allegat reat.

Għalhekk isegwi li jekk wieħed jimxi mas-sentenza ċitata u ma' l-emenda li saret fir-regolament 3 wara li ngħatat is-sentenza iżda **qabel** ma twettaq l-allegat reat, l-imputat jista' jitqies li seraq t-truck tiegħu stess. jekk wieħed jimxi mal-loġika tas-sentenza ċitata. Ma hemm ebda dubju li meta karozza tkun miġbuda, irmunkata jew ittowjata, din ma tkunx aktar fil-libera disponibilita' ta' sidha. Għalkemm huwa jibqa' l-proprjetarju, xorta ma jistax jiddisponi mill-vettura qabel ma jħallas l-ammont mitlub.

**L-Artikoli ta' l-Avukat Ġenerali**

Fl-ewwel sett ta' artikoli, dawk taħt il-paragrafu (a), l-Avukat Ġenerali ta:

l-artikoli 261 (c)(g), 267, 271, 279, 280 u 281

Dawn l-artikoli għandhom x'jaqsa mas-serq aggravat bl-ammont kif ukoll bin-natura tal-ħaġa. Dwar l-artikolu 271, l-Avukat Ġenerali probabbli kellu f'moħħu s-subinċiż (ġ) għalkemm il-vettura, fil-fehma tal-Qorti, ma kinitx f'post pubbliku meta kienet fil-caf park tal-Pulizija. L-artikoli l-oħra huma dwar il-piena.

Il-Qorti, wara li fliet il-fatti **ta' dan il-każ,** ikkonkludiet li fl-allegat reat ta' serq hemm nieqes l-element formali tar-reat tas-serq li joħroġ mill-istess definizzjoni li l-Qrati mxew magħha dan iż-żmien kollu: l-intenzjoni li tieħu xi ħaġa ta' ħadd ieħor, mingħajr ma din il-persuna ttik permess, bl-intenzjoni li tagħmel qligħ minnha.

Mill-istqarrija ta' l-imputat stess jirriżultaw żewġ elementi:

a) Li mar biex iħallas l-ammont mal-ewwel;
b) Li huwa ma kellu ebda intenzjoni li jwettaq xi serq.
ċ) Oltre dan mill-atti jirriżulta li kienu għadhom ma waslux il-karti għand il-persuna li tieħu ħsieb il-ħruġ u mill-persuni fil-car park ħadd ma jidher li b'xi mod żamm jew qal lill-

imputat biex ma joħroġx bit-trakk. Fl-istqarrija nsibu dan il-kliem:

'Fl-ebda ħin ma qalli biex ma niħux it-trakk tiegħi. Dan ma qalli xejn lili.'(fol.7)

Il-kliem ta' l-istqarrija ta' l-imputat dwar in-nuqqas ta' intenzjoni huwa ċar biżżejjed:

'Jien ma kelli ebda intenzjoni li nisraq it-trakk tiegħi.' (fol.8)

Kien ikun xort'oħra kieku l-imputat qal li ma kienx jaf li l-Liġi qegħda hekk għaliex l-injoranza tal-Liġi mhix skużanti. Kienu ukoll xort'oħra li kieku l-Prosekuzzjoni għażlet li toħroġ imputazzjoni taħt r-regolament 11 jgħid x'jgħid l-imputat fl-istqarrija. Jew kieku l-Prosekuzzjoni ma' l-imputazzjonijiet żiedet ir-reat li hemm ikkontemplat fir-regolament numru 11 jew tat l-imputazzjoni taħt ir-regolament 11 biss.

Għaldaqstant il-Qorti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' dan il-każ qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni u minn kull imputazzjoni taħt l-artikolu msemmija fil-paragrafu (a).

**L-artikolu 334**

L-Avukat Ġenerali ta dan l-artikolu li jikkorrispoendi għat-tieni imputazzjoni – dik tar-riċetazzjoni. Għar-raġunijiet mogħtija l-Qorti mhix issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni jew ta' xi ksur ta' la-rtikolu 334 tal-Kap 9.

**L-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9.**

Dawn l-artikoli għandhom x'jaqsmu mar-reċidiva u la l-Qorti lliberat lill-imputat mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet u minn xi ħtija taħt l-artikoli msemmija konsegwentement qed tillivera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 267, 271, 279, 280 u 281, 334, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

**Obiter**

Huwa siewi li s-sewwieqa jkunu jafu li jekk jieħdu karozza ittowjata jew ikkampljata qabel iħallsu d-drittijiet jistgħu jiffaċċjaw imputazzjoni ta’ serq aggravat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------